MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 705/2004

**Kevin Debono**

**vs**

**Anthony sive Anton jew Toni Bezzina**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-21 ta' Dicembru tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jizgombra mill-fond "Xemxija Park Residence", Block A, Flat , Triq Raddett ir-Roti, Xemxija, lilu mikri skond skrittura privata datata l-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u erba', (2004), u li permezz

taghha l-konvenut intrabat li jhallas il-kera kull xahar bil-quddiem u li l-konvenut naqas li jonora din l-obbligazzjoni wara li naqas milli jhallas tlett (3) skadenzi konsekuttivi u minkejja li kien gie interpellat ihallas, baqa' inadempjenti, u dan, fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn din il-qorti;

2. illi l-valur lokatizju ta' l-imsemmi fond huwa ta' elf, sitt mija u tmenin Lira Maltin, (LM1,680.00,0);

3. Bl-ispejjez, inkluzi dwk ta' l-ittra ufficcjali ta' l-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena 2004 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Tirrileva li l-konvneut gie regolarment notifikat kif jidher mir-riferta apposita pprezentata fl-atti tal-kaz;

Tirrileva wkoll li nonostante l-imsemmija notifika posittiva l-konvenut ghazel li ma jipprezentax ruhu qiddiem din il-qorti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-opportunita' moghtija lill-konvenut biex iressaq il-provi tieghu baqghet mhux sfruttata;

Ikkunsidrat:

1. Illi fil-15 ta' Settembru tas-sena 2004 il-partijiet f'din il-kawza ikkonkludew ftehim privat li permezz tieghu stabbilew is-segwenti:

i. Illi l-attur kera l-fond meritu ta' din il-procedura lill-konvenut;

ii. Illi t-terminu tal-kirja in dizamina kellu jkun mill-15 ta' Settembru tas-sena 2004 sa Settembru tas-sena 2005;

iii. Illi l-canone pattwit kien ta' mija u erbghin Lira Maltin, (Lm140.00,0), fix-xahar bil-quddiem;

iv. Illi f'eghluq is-sena tal-kera l-kerrej konvenut kellu "… jinghata lura l-pagament li jkun hallas bil-quddiem bil-kundizzjoni li l-appartament jitregga lura fl-istat tajjeb li inghata lilu …", (ara fol 10);

v. Illi c-cwievet jinghataw lura lill-attur fi tmiem il-kirja;

2. Illi dan il-ftehim gie liberament iffirmat mill-konvenut u mill-papa' ta' l-attur ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess attur, (ara fol 10);

3. Illi skond l-attur, il-konvenut hallas biss il-pagament tal-15 t'Ottubru tas-sena 2004;

4. Illi l-konvenut ma hallas l-ebda pagament iehor;

5. Illi nonostante li l-konvenut kien interpellat diversi drabi, kemm mill-attur kif ukoll mill-papa' tieghu, dan xorta baqa' inadempjenti;

6. Illi l-konvenut ghazel li ma jidhirx f'din il-procedura;

Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u konsegwentement takkolji t-talbiet tieghu kif riprodotti fl-avviz odjern u allura:

1. Tordna li l-konvenut Anthony sive anton jew Toni Bezzina jizgambra mill-fond "Xemxija Park Residence", Block A, Flat 1, Triq Raddett ir-Roti, Xemxija, fi zmien xahar mil-lum;

2. Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali datata l-1 ta' Dicembru tas-sena 2004.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------